## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **300/2022 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta' Kontro-Mandat għall-Mandat ta' Sekwestru bin-numru 1090/2021 fl-ismijiet:**

## Richard Abdilla Castillo (K.I. numru 267256 M) u Rose Marie Abdilla Castillo (K.I. numru 112853 M)

**VS**

## Aaron Mizzi (K.I. numru 297577M)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta' Aaron Mizzi magħmula ai termini tal-artikoli 836(1)(c),u/jew (e), u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-revoka tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1090/2021;

**Preliminari**

2. Il-mandat ta sekwestru kawtelatorju fil-konfronti ta Aaron Mizzi inhareg fl-20 ta' Lulju 2021 fuq talba ta Richard u Rosemarie Abdilla Castillo in kawtela tas-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000), rappreżentanti allegat

kreditu li huma jghidu li sellfu lis-sekwestrat Mizzi sabiex jakkwista il-garaxx li jinsab f'kumpless ta' bini bl-isem 'Mula Drive' u li jinsab fi jinsab fi Triq Hal-Mula, Haz-Zebbug.

3. B'rikors preżentat nhar is-sebgħa (7) ta' April 2022, Aaron Mizzi premetta illi ż-żamma tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1090/2021 fl-ismijiet 'Richard Abdilla Castillo et vs Aaron Mizzi' mhix mistħoqqa ghaliex is-sekwestrat qatt ma ssellef l-ebda flejjes minghand is-sekwestranti u l-mandat ta' sekwestru inhareg biss b'ripikka u b'abbuz tas-sistema gudizzjarja da parti tas-sekwestranti minhabba il-proceduri ta' separazzjoni personali kontenzjuzi bejn bint is-ekwestranti u s-sekwestrat. Dan tal-ahhar isostni li jekk is-sekwestranti selfu xi flejjes lil binthom ghall-sehemha minn dan il-garaxx dan ma sarx bil-kunsens tas-sekwestrat u li ghalhekk huma kellhom jiprocedu kontra binthom u mhux kontra tieghu ghar-rifuzjoni ta' kwalsiasi ammont moghti lilha. Is-sekwestrat premetta wkoll li imid-data tal-hrug tal-Mandat ta' Sekwestru sal-llum il-flejjes li qed jitolbu s-sekwestrati u oltre diga' gew depozitati fir-Registru ta' din il-Qorti kif jirrizulta mill-kopji tac-cedoli annessi mar-rikors u li huma mmarkati bhala Dok. A u li ghalhekk kwalsiasi kreditu pretiz mill-intimati huwa ben kawtelat u diga' hemm il-garanziji xierqa sabiex jigu soddisfatti l-pretensjonijiet tas-sekwestranti ai termini tal-Artikoli 836 (1)(c) u (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u li ghalhekk m'huwiex aktar ragonevoli u gustifikabbli li l-mandat jibqa' aktar fis-sehh. Ir-rikorrent sekwestrat ghalhekk talab li l-mandat għandu jiġi revokat ai termini tal-Artikoli 836(1)(c), (e), u/jew (f) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. In oltre, is-sekwestrat ghamel it-talba tieghu b'riserva ghall-eventwali talba ghall-hlas ta'penali abbazi tal-Artikolu 836(8) tsl-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Permezz ta' risposta preżentata nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' April 2022, l-intimati sekwestranti opponew għat-talbiet tar-rikorrent sekwestrat ghal diversi ragunijiet izda qabel xejn irrilevaw li r-rikors relattiv ma giex intavolat korrettement u dan ghaliex gie ntavolat fl-atti tal-kawza pendenti bejn il-partijiet fil-mertu meta fil-fatt dan kellu jigi ntavolat fl-atti tal-Mandat ta'

Sekwestru kawtelatorju u li ghalhekk ir-rikors m'huwiex legalment sostenibbli. Huma inoltre premettew li Aaron Mizzi kien diga' kien ntavola rikors ghar-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru odjern abbazi tal-Artikoli 836 (1) (c), (d), (e) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta Malta liema talba giet michuda minn din il-Qorti kif diversament presjeduta permezz ta' digriet tas-26 ta' Awwissu 2021 u li r-rikors odjern huwa attentat fqir iehor sabiiex Aaron Mizzi jipprova jotjeni r-revoka tal-Mandat ta' Sekwestru relattiv. Is-sekwestranti jirribadixxu li l-Mandat ta' Sekwestru u l-kawza relattiva kellhom isiru sabiex huma jotjenu l-hlas lura tas-self moghti minnhom la darba dan ma giex imhallas lura u li l-pretensjonijiet taghhom setghu jigu pregudikati minhabba l-proceduri ta' separazzjoni personali pendenti bejn is-sekwestrat u binthom. Is-sekwestranti inoltre indikaw li l-propjeta' immobbli ndikata mis-sekwestrat f'paragrafi 6 sa 8 tar-rikors tieghu ma tikkostitwix garanzija adegwata u fil-fatt din il-Qorti kif diversament presjeduta fid-digriet taghha tas-26 ta' Awwissu 2021 ma qiesitx dawn il-propjetajiet bhala garanzija adegwata u cahdet it-talbiet tas-sekwestrat maghmula abbazi tal-Artikolu 836 (1)(c) u (e) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fir-rigward tal-flejjes depozitati fil-mori permezz tac-cedoli ta' depozitu li kopji tagghom gew annessi mar-rikors is-sekwestranti jsostnu li s-somma kumplesssiva ta' €18, 927.73 ma tikkawtelax it-talba kollha maghmula minnhom stante li ma tkoprix is-sorte kollu u l-anqas l-ispejjes u l-imghax li qed ikompli jiddekorri sakemm ikun hemm decizjoni finali. Is-sekwestranti jindikaw li ladarba is-sekwestrat jiddepozita ammont adegwat sabiex ikopri il-pretensjonijiet taghhom huma ma jsibux oggezzjoni ghall-hrug tal-kontromandat relattiv a spejjes tal-istess sekwestrat u minghajr in-notifika tal-kontro-mandat lir-Registratur tal-Qorti sakemmm ikun hemm decizjoni finali sabiex il-Mandat ta Sekwestru jibqa' in vigore fuq il-flejjes hekk depozitati mar-Regisrtatur tal-Qorti.

**Fatti tal-Każ**

5. Mill-atti u dokumenti preżentati jirrizulta illi r-rikorrent sekwestrat u bint is-sekwestranti Abdilla Castillo huma mizzewgin u ghaddejjin minn proceduri ta' separazjoni personali kontenzjuzi. Fiz-zwieg taghhom ir-rikorrenti u

martu akkwistaw il-garaxx li jgib in-numru 1 u li jifforma parrti minn bini f'kumpless bl-isem 'Mula Drive' fi Triq Hal-Mula. Haz-Zebbug. Is-sekwestranti Abdilla Castillo jsostnu li huma selfu is-somma ta' €20,000 lil Aaron Mizzi sabiex flimkien ma martu jakkwistaw il-graxx li saret referenza ghalih akatar il-fuq.

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

6. Jiġi primarjament senjalat illi l-istħarriġ illi tagħmel il-Qorti f'rikors bħal dak odjern huwa pjuttost limitat, u d-deċiżjoni illi tieħu l-Qorti f'dan l-istadju m'għandux jiġi interpretat bħala ġudizzju dwar il-mertu tal-kawża. Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f'digriet fl-ismijiet ***Dom Communications Ltd vs Office Group Limited***[1]:

> *Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża* ***"Camilleri vs Govè et"*** *deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:*
>
>> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura*

[1] Ċit Nru 1183/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lawrence Mintoff, 28 t'April 2015. Ara wkoll ***Fatima Zahra Zeroual vs Hashin Kuduzovic***, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1009/17, Onor Imħ Francesco Depasquale, 13 ta' Mejju 2021

*preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

*Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħa, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.*

*Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat wara l-aċċertament prima facie li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami prima facie li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond, u dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn.*

7. Din it-talba għal revoka ġiet magħmula mis-sekestrat Aaron Mizzi ai termini tal-Artikolu:

   a. 836(1)(c) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat jekk ikun hemm garanzija xierqa oħra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug tal-mandat; u/ jew

   b. tal-Artikolu 836(1)(e} tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *jekk il-garanzija moghtija titqies mill-Qorti li tkun bizzejjed* ; u/jew

c. tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

8. Jiġi senjalat, iżda, illi r-rikorrenti ma indikax fir-rikors tieghu b'mod speċifiku l-argumenti in sostenn tat-talba tieghu għal kull sub-inċiż, iżda għamel talba waħda b'mod ġenerali, b'dana illi l-Qorti tikkonkludi illi l-argumenti illi huwa ressaq fir-rikors għandhom jiġu kunsidrati taħt kull waħda mit-tlett kapijiet suriferiti;

9. L-artikolu 836(1) jipprovdi illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat *"**għal xi waħda** minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin"*[2], b'dana illi r-raġunijiet għar-revoka ta' att kawtelatorju elenkati fl-istess artikolu għandhom jiġu interpretati bħala raġunijiet <u>alternattivi</u>, u <u>mhux kumulattivi</u>. Isegwi għalhlekk illi att kawtelatorju jista' jiġi revokat anke fil-każ illi tissussisti raġuni waħda biss minn dawk kollha elenkati fl-art 836(1);

10. Għaldaqstant, il-Qorti sejra tgħaddi biex tikkunsidra kull wieħed mill-provvedimenti tal-liġi msemmija fit-talba tar-rikorrenti separatament:

11. Qabel ma taghmel dan izda din il-Qorti trid tikkunsidra dak sottomess mis-sekwestranti fir-Risposta taghhom fejn jirritjenu li r-rikors ghar-revoka gie ntavolat inkorrettament peress li sar fl-atti tar-rikors guramentat numru 792/2021 u cioe' in atti tal-kawza li hemm pendenti bejn il-partijiet minflok fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru li tieghu qed tintalab ir-revoka u li ghalhekk ir-rikors kif intavolat m'huwiex legalment sostenibbli**.**

12. Din il-Qorti tirrileva li l-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li intimat li jkun inhareg kontrih att kawtelatorju jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju jew, jekk tkun saret il-kawza. jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qed titratta dik il-kawza fejn jitlob ir-reovoka tal-att kawtelatorju ghar-ragunijijet li mbaghad jigu elenkati fl-istess

[2] Emfasi tal-Qorti

artikolu. Din il-Qorti ghalkemm taqbel ma dak sottomess mis-sekwestranti li kien ikun aktar opportun l r-rikors ghar-revoka jigi ntavolat fl-atti tal-mandat minflok fl-atti tar-rikors guramentat, kif fil-fatt sar, jidrilha li xorta wahda jista' jigi ritenut li t-talba ghar-revoka saret skond dak li jipprovdi l-Artikolu 836(1) tal-Kap. 12 ghaliex saret lill-Qorti li qed titratta l-kawza. Jigi fil-fatt innutat li r-rikors ghar-revoka tal-mandat ma giex inserit fl-atti tal-rikors guramentat izda infetah process ad hoc rikors revoka bin-numru 300/2022 li gie mbaghad assenjat sabiex jigi deciz mill-istess Qorti li qed tisma' l-kawza. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li li t-talba kif maghmula ma tistghax titqies bhala legalment insostenibbli. Finalment izda din il-Qorti tixtieq tirrileva li minhabba dan il-mod inkonswet li bih gie ntavolat ir-rikors, ir-risposta relattiva maghmula mis-sekwestranti, li wkoll giet intavolata fl-atti tar-rikors guramentat, giet inserita fl-atti tal-istess rikors guramentat minflok fl-atti tar-rikors ghar-revoka odjern sabiex b'hekk kien hemm disgwid u konsegwentement dewmien sakemm l-istess risposta waslet ghand il-Qorti sabiex jinghata digriet dwar ir-rikors odjern**.**

**(A) <u>Artikolu 836(1)(c) u (e) tal-Kap 12.</u>**

13. Kif diga' gie indikat aktar il-fuq ir-rikorrent sekwestrat Mizzi fil-paragrafi 6 sa 8 tar-rikors tieghu jishaq li l-pretensjonijiet tas-sekwestranti huma ben kawtelati bil-propjeta' immobbli li huwa ghandu u li tinsab elenkata fl-imsemmija paragrafi. Din il-Qorti, kif del resto kienet diga' iddecidiet l-istess qorti kif diversament presjeduta fir-rikors ghar-revoka tal-istess mandat li diga' kien sar mis-sekwestrat, ma tikkunsidrax din il-propjeta' bhala garanzija tangibbli u adegwata kif jitlob l-Artikolu 836 (1)(c) u (f) tal-Kap. 12.

14. Għaldaqstant ma **<u>jirriżultax lil din il-Qorti illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(c) u jew (e) tal-Kap 12</u>**.

**B. Artikolu 836(1)(f) tal-Kap. 12.**

15. Ai termini tal-Artikolu 836(1)(f), mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat, *"jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli"*;

16. Taħt l-Artikolu 836(1)(f), bħal fil-każ tal-Artikolu 836(1)(b), jeħtieġ illi tissussisti <u>bidla fiċ-ċirkostanzi</u> illi tirrendi l-att kawtelatorju jew parti minnu superfluwu u inġustifikabbli. Hekk ingħad, *inter alia*, fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Andrew Corrieri vs Manti Salvatore noe***[3]:

> *Dwar jekk il-mandat għandux jitħassar fiċ-ċirkostanzi għaliex allegatament mhuwiex raġonevoli jew ġustifikat li jinżamm fis-seħħ, din il-Qorti diversament presjeduta fil-proċediment fl-ismijiet* **Spiteri vs Darmanin** *tat tifsira korretta u preċiża tal-artikolu 836(1)(f) fil-provvediment li tat fil-25 ta' Awwissu 2010:*
>
> > *"Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ (ara P.A. GC 3.8.2001 fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet "Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et").*
>
> *Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ."*

[3] Rikors Numru 439/2021 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 231/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), 15 ta' Settembru 2021, Onor Imħ Anna Felice

*Finalment, fil-provvediment illi tat din il-Qorti diversament presjeduta fl-10 ta' Awwissu 2012 fl-ismijiet* ***Jamar Malta Limited vs Office Group Limited****, saru dawn ir-rilievi:*

> *"Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet eżekutanti. Illi jingħad ukoll li d-disposizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, wara l-ħruġ tal-Mandat, tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija disposizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ. (ara wkoll – PA. JSP. 10 ta' Jannar 1992. "Spiteri vs Camilleri"; PA. RCP. 30 ta' Mejju 2002. "Yorkie Clothing Industry Limited vs Calleja Cremona"; u PA. GC. 3 ta' Awwissu 2001. "Fenech noe vs Spiteri noe et.")."*

*Fl-isfond ta dan l-insenjament huwa evidenti li dak meħtieġ li jiġi ppruvat għall-fini ta' din id-disposizzjoni huwa bdil fiċ-ċirkostanzi li jirrendu l-mandat mhux aktar raġonevoli jew*

*ġustifikabbli, liema bdil fiċ-ċirkostanzi jrid jintwera li avveraw ruħhom wara d-data tal-ħruġ tal-mandat.*[4]

17. Fil-każ in eżami ma nġabet l-ebda prova illi ċ-ċirkostanzi nbiddlu wara d-data tal-ħruġ tal-mandat b'tali mod illi l-mandat jista' jiġi meqjus bħala mhux aktar raġonevoli jew ġustifikabbli.
18. Kif ben tajjeb sostnew l-intimati sekwestranti fir-risposta taghhom, l-ammont kumplessiv depozitat il-Qorti permezz tac-cedoli li kopji tagghom gew annessi mar-rikors, ma jkoprix l-ammont kollu mitlub bhala sorte,wisq anqas l-ispejjes u l-imghaxijiet li qeghdin ikomplu jiddekorru.
19. Għaldaqstant, **<u>lanqas jirriżulta lil din il-Qorti illi tissussisti raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12</u>**.

**Decide**

20. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **<u>tiċħad it-talbiet</u>** tar-rikorrenti Aaron Mizzi.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra l-istess rikorrent Aaron Mizzi.

**Digriet kamerali mogħti llum, dsatax (19) ta' Mejju, 2022.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**

[4] Ara wkoll: ***Lombard Bank plc vs Dr Melvyn Mifsud et***, Rik Nru 302/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 30 t'April 2015 u ***George Cassar pro et noe et vs Emanuel Falzon et***, Rik Nru 741/2015, Onor Imħ Lorraine Schembri Orland, 22 t'Ottubru 2015